**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : XLVIII**
**Appell Nru: 20/2001**

**Il-Pulizija (Spettur Denise Mula)**

**Vs**

**MARK FARRUGIA**

**Illum, 14 ta'Mejju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Mark Farrugia talli fit-18 ta'Ottubru, 1999, ghal habta ta' l-10.00 a.m., fi Triq Regjonali, San Giljan, waqt li kien bil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAP-847 :

1. Ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr Fire Extinguisher ;
2. Saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija ;
3. Ma kienx kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskju ta'terzi persuni ; u
4. Saq l-istess vettura minghajr dawl jew fuq quddiem u/jew wara, jew bid-dawl mhux skond ir-regolamenti tat-traffiku.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta'htija, Mark Farrugia jigi skwalifikat mill-licenzji tieghu kollha tas-sewqan ghal zmien ta' mhux anqas minn tnax il-xahar.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali datata 23 ta'Jannar, 2001, li biha filwaqt li ddikjarat procediment ezawrit ghar-rigward l-ewwel u r-raba akkuzi minhabba preskrizzjoni, sabet lill-imsemmi Mark Farrugia hati fuq it-tieni w t-tielet akkuzi, wara ammissjoni tieghu stess, u kkundannatu komplessivament fuqhom ghal Multa ta'mitjen u hamsin lira Maltin (Lm250), kif ukoll skwalifikatu minn kull licenzja tas-sewqan tieghu ghal zmien sena.

Rat ir-rikors t'appell ta'Mark Farrugia datat l-1 ta'Frar, 2001, li bih talab li din il-Qorti fl-ewwel lok tiddikjara nulla w bla ebda effett s-sentenza appellata minhabba ragunijiet li semma fl-ewwel parti jew paragrafu tar-rikors tieghu w ghalhekk tilliberah mill-akkuzi dedotti kontrih, u, fin-nuqqas, timmodifika s-sentenza appellata fis-sens li tirrevoka l-ahhar parti taghha, u cioe' l-iskwalifika tal-licenzji kollha tas-sewqan, u tikkonfermaha fil-kumplament taghha.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi preliminarjament ghandu jigi rilevat li waqt is-seduta tad-9 t'April, 2001, l-appellant, tramite l-avukat difensur tieghu, irtira l-ewwel aggravju tieghu li bih kien sostna li l-ewwel sentenza kienet nulla w bla ebda effett u kien talab li ghalhekk jigi liberat mill-akkuzi kollha dedotti kontrih. Ghalhekk din il-Qorti mhiex sejra tiehu aktar konjizzjoni ta'dan l-aggravju w t-talba msemmija ta' l-appellant, u sejra tillimita d-decizjoni taghha ghat-talba ta' l-appellant ghall-modifika jew riforma tas-sentenza appellata fis-sens li tigi revokata dik il-parti tas-sentenza appellata li tirrigwarda l-iskwalifika tal-licenzji tieghu kollha tas-sewqan ghal zmien sena.

Bhal ma gja' sostniet diversi drabi f'okkazzjonijiet precedenti fi proceduri b'akkuzi simili bhal dawn li taghhom l-appellant kien instab hati mill-ewwel Qorti w konsegwentement skwalifikat mill-licenzji tieghu tas-sewqan ghal perijodu mpost mill-Qorti, din il-Qorti dejjem irriteniet li hu biss rarament u veru eccezzjonalment li tasal sabiex tindahal f'din id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti w wara tvarja jew tbiddel jew addirittura tirrevoka dik l-ordni ta' sospensjoni tal-licenzji tas-sewqan moghtija mill-ewwel Qorti.

Ir-reati li l-appellant gie misjub hati taghhom, wara ammissjoni tieghu stess, huma reati gravi hafna. Li xi hadd isuq vettura meta din ma kienetx koperta minn licenzja valida tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija, u, aktar u aktar, meta ukoll ma kienetx koperta minn Polza ta' Assigurazzjoni, hija azzjoni rresponsabbli hafna w ferm serja, wahda li tista' twassal ghall-konsegwenzi dizastruzi meta jinqala xi incident stradali, kulltant anke fatali, waqt li xi hadd ikun qed isuq f'tali cirkostanzi. Hu propju minhabba din il-gravita' w serjeta' ta' dawn it-tip ta'reati li l-ligi taghti l-fakolta' lill-gudikand li jimponi ordni jew piena ta' skwalifika mill-licenzji tas-sewqan f'tali cirkostanzi, u dan anke, fl-ahjar interess u protezzjoni tac-cittadin.

Ghal dawn il-motivi, l-appell ta'Mark Farrugia huwa michud u s-sentenza appellata hija konfermata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur